Ufficċju Komunikazzjoni
ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

*9 ta' Diċembru, 2011*

128/2011

**KONFERENZA NAZZJONALI: BIŻŻEJJED GĦAL KULĦADD**

Il-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent ser torganizza KONFERENZA NAZZJONALI fuq tlett aspetti kruċjali fl-iżvilupp tal-gżejjer Maltin: il-bini, l-ilma u l-insularità ta' Għawdex.

Il-Konferenza ser tkun imtellgħa b'kollaborazzjoni mal-Assoċjazzjoni Maltija dwar l-Ilma, Flimkien għal Ambjent Aħjar u d-Direttorat għal Eko-Għawdex u Żvilupp Reġjonali (Ministeru għal Għawdex).

L-iskop aħħari ta' din il-Konferenza huwa li toffri opportunitá lil min jipparteċipa ħalli flimkien (kull settur involut) nifhmu x'inhu jżommna milli jkollna użu aktar għaqli tal-ilma, tal-art u l-binjiet tal-gżejjer tagħna. Mistenni jattendu diversi esperti u rappreżentanti minn diversi setturi kummerċjali u oħrajn tas-soċjetá. Ser jattendu wkoll rappreżentanti politiċi fosthom il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, is-Segretarju Parlamentari Dr Mario DeMarco li ser jirrappreżenta lil Prim Ministru, il-Kap tal-Oppożizzjoni Dr Joseph Muscat, ic-Chairperson ta' Alternattiva Demokratika Dr Michael Briguglio.

**Il-Konferenza ser tkun imqassma fi tliet sessjonijiet:**

**9 ta' Diċembru 2011,** Il-Kurja tal-Arċisqof, il-Furjana, 5.00 - 8.30 p.m**. Tema: Il-bini kriżi jew opportunità**. Organizzata b'kollaborazzjoni ma' Flimkien għal Ambjent Aħjar. Jiftaħ il-konferenza Mons. Charles Cordina. Fost oħrajn jieħdu sehem: Astrid Vella, Perit Michael Falzon, Perit Vincent Buħaġiar, Leo Brincat u l-Perit Carmel Cacopardo.

**10 ta' Diċembru 2011,** Il-Kurja tal-Arċisqof, il-Furjana 9.00 a.m. - 3.00 p.m. **Tema: L-ilma ħelu – vera li kull qatra tgħodd?** Organizzata b'kollaborazzjoni mal-*Malta Water Association*. Ser jiftaħ il-konferenza, l-Arċisqof Pawlu Cremona, li ser jipparteċipa wkoll fl-istess konferenza. Ser jattendu wkoll is-Segretarju Parlamentari Dr Mario Demarco, il-Kap tal-Oppożizzjoni Dr Joseph Muscat u c-Chairperson ta' Alternattiva Demokratika Dr Michael Briguglio. Fost oħrajn jieħdu sehem: Marco Cremona, Fleur Vella (Malta Resources Authority), Alfred Baldacchino, Perit C. Mifsud Borg (Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, Vince Gauci, Marc Muscat (Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma).

**17 ta' Diċembru 2011,** Il-Kurja tal-Isqof, ir-Rabat, Għawdex. 9.00 a.m. – 2.00 p.m. **Tema: L-Iżvilupp t'Għawdex – sfidi u opportunitajiet.** Organizzata b'kollaborazzjoni mad-Direttorat għal Eko-Għawdex u Żvilupp Reġjonali (Ministeru għal Għawdex). Ser jiftaħ il-konferenza l-Isqof Mario Grech, li ser jipparteċipa wkoll fl-istess konferenza. Ser jattendu wkoll il-Ministru Giovanna Debono, Dr Anton Refalo u Michael Bajada. Fost oħrajn jieħdu sehem: Anthony Zammit, Joseph G Grech, Prof Lino Briguglio, u Dr Edward Mallia.

**Il-medja mistiedna tattendi għas-sezzjonijiet kollha tal-Konferenza.**